**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 11 ta' Ottubru, 2017

Rikors Nru : 161/17 AL

AB
VS
CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fl-ghaxra [10] ta' Settembru, elfejn u sebgha [2007] gewwa Addis Abeba, l-Etjopja.

2. Illi wara ftgit zmien il-kontendenti sseparaw minn xulxin u ilhom hekk isseparati ghal aktar minn erba' snin.

3. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonervoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.

4. Illi bejn il-kontendenti m'hemmx kwistjonijiet pendenti dwar manteniment.

5. Illi ghalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti jixtieq jitlob id-dvorzju u/jew hall taz-zwieg minn martu l-intimata.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-ligi :

1. Tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fl-10 ta' Settembru, 2007, fl-Etjopja.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Lulju, 2017;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti twiegeb li ma ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat illi l-partijiet ghaddew procedura ta' medjazzjoni;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin u ghaddew mill-procedura ta' medjazzjoni;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.